

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Frar 2008 — Ir-Repubblika ta' Ċipru vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-54/08)

(2008/C 79/65)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentant: P. Kliridis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Kommunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla s-sejħa għal offerti EuropeAid/125051/D/SUP/CY għall-għoti ta' kuntratt intitolat "Upgrading the Management of the Energy Sector — Energy Metering and Reactive Power compensation", li ġie ppubblikat biss fil-lingwa Ingliża fis-sit <http://ec.europa.eu/europaids/tender/data/> fl-24 ta' Novembru 2007, u tannulla l-Artikoli 5 u 23 tas-sejħa.
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti ssostni li s-sejħa kkontestata hija illegali għas-segħenti raġunijiet:

- l-ewwel nett, peress li l-Kummissjoni għamlet sejħa *ultra vires u bi* ksur tal-bażi legali tagħha, b'mod partikolari tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoragiġment ta' l-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (');
- it-tieni nett, peress li s-sejħa in kwistjoni tmur kontra u/jew mhijiex konformi ma' l-Artikolu 229 KE, kif emendat bl-Artikolu 19 ta l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-Adeż-żoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungaria, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (l-Att ta' Adeż-żoni 2003) kif ukoll il-Protokoll Nru 10 fuq Ċipru ta' l-Att ta Adeż-żoni ta' l-2003; u
- It-tielet nett, peress li tmur kontra jew mhijiex konformi ma' l-obbligi li jirriżultaw mir-regoli obbligatori tad-dritt internazzjonali u mar-Riżoluzzjonijiet 541 (1983) u 550 (1984) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

(¹) ĠU L 65, p. 5.